SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 14-16

Illum it-Tnejn, 18 ta' April 2016.

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.00p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Ħadd.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 13-16 li saret nhar it-Tnejn, 21 ta' Marzu 2016 ġew moqrija u approvati.

## *1.1 Mill-Minuti*

### *1.1.1 Rampa fil-Parking Area ta' ħdejn il-każin tal-Partit Nazzjonalista*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal minuta 3.6 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx ġie kkuntatjat il-perit dwar il-problema ta' din ir-rampa. Is-Sindku wieġeb li l-perit mar *on-site* u ser jara x'jista jsir.

### *1.1.2 Tabella f'Dawret it-Torri*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk saritx it-tabella biex ħadd ma jitma qtates f'Dawret it-Torri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lit-tabella kienet ordnata.

### *1.1.3 Zuntier tal-Knisja*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 4.4 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward taz-zuntier tal-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tikteb lill-Ministru kkonċernat fil-ġranet li ġejjin.

### *1.1.4 Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar il-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita' u qamet diskussjoni dwar xi emendi li jistgħu jiġu proposti. Ġie deċiż li dan is-suġġett ikun item fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

### *1.1.5 Xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien is-Serenita' u l-Playing Field*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 10.1 u staqsa dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li għaddej fil-Ġnien Ċiniż. Is-Sindku qal li tħaffret il-*pit* li fiha ser jitpoġġew il-pompi l-ġodda. Huwa qal li x-xogħol fuq il-pajpijiet huwa lest u li issa kemm tinbena l-kaxxa.

Is-Sur Bonello semma wkoll is-*CCTV Cameras* għal-*Playing Field* u ġie nfurmat li jridu jinġabru l-kwotazzjonijiet. Il-Viċi Sindku irrefera għax-xogħol ta' manutenzjoni estensiva li għaddej bħalissa fil-*playing field*. Huwa stqarr li bi pjaċir jinnota li l-Gvern żamm kelmtu mal-ħaddiema tal-ETC u ġabhom *full-time.* Huwa qal li xtaq jgħid proset għal fatt li dawn il-ħaddiema qed jintużaw fuq xogħol utili fil-lokalita'.

Is-Sindku rrimarka li fil-*playing field* qed jinstabu numru ta' siringi. Il-Viċi Sindku qal li dawn il-fatti għandhom jiġu rrapurtati lil pulizija mill-ewwel. Il-Kunsillier Sciberras qal li kien hemm tabella mitfuha fuq il-ħaxix fejn ir-*roadmap*. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekja fuq din.

Is-Sindku semma diversi xogħolijiet ta' manutenzjoni li qiegħdin fil-programm ta' xogħol tal-ħaddiema tal-ETC. Huwa qal li ser ikun qed isewwu n-*netting* li ddawwar il-5-*a-side* u ser jirranġaw iċ-ċanet fi Triq Pensjeri. Huwa qal ukoll li kif l-Awtorita' tad-Djar tlesti s-saqaf tat-tinda ta' fuq il-ħwienet, dawn il-ħaddiema jibdew ix-xogħol fuq Pjazza Dorell. Fi-rigward taċ-ċint fi Triq Klematis is-Sindku qal li dan ser isir mill-ħaddiema tal-IPSL.

### *1.1.6 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ*

Il-Kunsilliera Caroline Galea tkellmet dwar l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ u staqsiet kienx hemm xi linji ġwida mid-Dipartiment fir-rigward ta' x'jiġri hekk kif il-persuna maħtura mill-Kunsill tagħlaq it-tmintax-il sena. Ġie deċiż li dan l-*item* jitpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 21 ta' Marzu 2016 u t-Tnejn, 18 ta' April 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 372-16-O – Joe Bonello – Sotto Kumitat
- 0473-16-O – Supretendent tal-Pulizija – Sparar tal-festa
- 0584-16-O – Reġjun Nofsinhar – Servizz ta' *Green Wardens*
- 0463-16-O-Kap ta' Skola Kulleġġ San Tumas More – Ċerimonja Għoti ta' Premjijiet
- 0437-16-O – ISB Ltd – *Development of Website*
- 0395-16-O – Lino Micallef – Servizz ta' Emerġenza

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0381-16-I – Transport Malta – Marki tat-toroq fi Triq il-Ġnien
- 0387-16-I – Bank Ċentrali ta' Malta – *Information sessions on Euro banknotes*
- 0391-16-I – Soċjeta Maltija ta' l-Ortikultura

- 00441-16-I – Departiment Għal Gvern Lokali – ERDF Projects
- 0443-16-I – Resident – Suġġeriment u lmenti fuq it-Trasport Pubbliku
- 0462-16-I – Resident –Talba għall-parkeġġ għal *motor cycle*
- 0465 -16-I – Għassa tal-Pulizija Luqa – Ilment
- 0466-16-I – Librara, Librerija Pubblika ta' Santa Luċija – *Notice Board*
- 0585-16-I - Go – Servizz tal-*Internet*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **SLLC Memo 09-2016 -** Inawgurazzjoni tal-Berġa
- **SLLC Memo 10-2016 -** Ħruq ta' nar ta' l-ajru fl-okkazzjoni tal-festa ta' Maria Annunzjata ċċelebrata f'Ħal Tarxien
- ***Business Plan 2016-2018***

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0381-16-I il-Kunsill innota bi pjaċir li Transport Malta infurmat lil Kunsill li ma ssibx oġġezzjoni li jibqu il-*keep clear bays* quddiem l-entraturi tal-blokks minn I sa VII li hemm fi Triq il-Ġnien. Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li f'laqgħa li kellu mad-Direttur tal-Imaniġġjar tat-Traffiku, kien infurmaha bil-każ u ċ-ċirkustanzi partikulari ta' din it-triq b'mod partikulari għal fatt li dawn il-*markings* kienu ilu hemm snin twal. Huwa nforma l-Kunsill ukoll li ir-*reserved parking* għal *blue sticker holders* għandha tkun *communal*.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 387-16-I fir-rigward ta' laqgħat ta' informazzjoni organizzati mill-Bank Ċentrali ta' Malta dwar *Euro bank notes*. Il-Kunsill ippropona li dawn il-laqgħat ta' nformazzjoni jistgħu jiġu organizzati nhar ta' Erbgħa fiċ-Ċentru għal Anzjani u jkunu miftuħa għall-kulħadd.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 391-16-I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-Wirja tas-Soċjeta Maltija ta' Ortikultura billi jħallas €25.00 biex jitħejja arranġament mill-istess soċjeta li wara jiġi mgħoti lid-Dar tal-Providenza.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0441-16-I il-Kunsill iddiskuta proposti ta' proġetti li jistgħu jsiru taħt L-ERDF *Project Priority Axis 4 – Shifting towards a low-carbon economy* u *Priority Axis 5 – Protecting our environment – investing in natural and cultural assets*. Il-Kunsill qabel li fuq Priority Axis 4 jipproponi il-proġett tas-Solar Farm f'Wied Garnaw u fuq Priority Axis 5 jipproponi il-proġett – Construction and Embellishment of the Santa Lucija Prehistoric Complex.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0443-16-I il-Kunsill innota diversi lmenti u suġġerimenti fir-rigward tat-trasport pubbliku. Ġie deċiż li dawn għandhom jintbagħtu għall-attenzjoni ta' Trasport Malta.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0462-16-I il-Kunsill iddiskuta talba għal *parking bay* tal-*motor cycle* fi Vjal Oleandri. Il-Kunsill qabel li tista ssir din il-*parking bay* u identifika s-sit fejn tista ssir ħalli tkun tista ssir applikazzjoni għal permess minn Trasport Malta.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0465-16-I il-Kunsill innota *feedback* mill-pulizija dwar rapport li kien sar dwar rimi ta' boroż fi Triq Katerina Vitale.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0466-16-I il-Kunsill laqgħa talba tal-librara biex isir *noticeboard* mal-faċċata tal-Librerija Pubblika ta' Santa Luċija biex hi tkun tista twaħħal avviżi relatati mas-servizz li jingħata mill-istess librerija.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0585-16-I il-Kunsill innota tibdil fis-servizz tal-*internet* mill-kumpanija Go. Il-Kunsill qabel mal-proposta li jibqa abbonat fuq is-servizz ta' *Limitless Internet* b'veloċita ta' 20Mbps bir-rata ta' €45 fix-xahar.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Immanigjar tat-Traffiku – Triq Katerina Vitale*

Il-Kunsill iddiskuta l-immaniġjar tat-traffiku f'Santa Luċija b'mod partikulari Triq Katerina Vitale anki minħabba l-fatt li ftit tal-ġranet qabel ittajjar raġel u jinsab fil-periklu tal-mewt. Saru diversi proposti fosthom li jsiru *roadhumps*. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lil Trasport Malta fejn tintalab linja gwida fuq *Traffic Calming Measures* f'din l-*area*.

Qamet diskussjoni wkoll dwar it-trasport pubbliku u r-rottot X2 u X3. Saret referenza għal fatt li dawn mhux dejjem qed jgħaddu minn Santa Luċija kif suppost.

Saret referenza wkoll għal Bus Stop fi Triq Luqa u għal possibilta' li ssir *żebra crossing* biex in-nies jaqsmu mingħajr periklu.

### *4.2 Petizzjoni Dar tal-Anzjani*

Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li kien infurmat li qed jinġabru firem dwar il-proposta ta' Bini ta' Dar tal-Anzjani li tmiss mal-konfini ta' Santa Luċija. Huwa staqsa lil membri tal-Kunsill jekk jafux b'din l-inizjattiva. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill mhux involut f'din il-petizzjoni iżda n-nies għandhom kull dritt li jiġbru

petizzjoni. Il-Kunsillier Bonello qal li bħala s-Segretarju tal-każin tal-Labour jista' jgħid li lanqas il-każin mhu nvolut. Il-Kunsillier Sciberras qal li xtaq jgħid pubblikament li hu ma jaqbilx ma' dan l-iżvilupp. Il-Kunsilliera Galea fakkret li hemm applikazzjoni quddiem il-Mepa, kienet saret laqgħa pubblika organizzata mill-Kunsill dwar din il-proposta u minn dak inhar ma kien hemm l-ebda żvilupp. Hija qalet li jekk terġa tqum din l-*issue* terġa tibda tingħata l-attenzjoni neċessarja.

### *4.3 Żjara fi Sqallija*

Is-Sindku qal li ser ikun qed jorganizza żjara ta' tlett ijiem fi Sqallija fix-xahar ta' Settembru 2016. Huwa qal li r-rwol tal-Kunsill ikun li jara min hu nteressat u jikkordina din iż-żjara.

### *4.4 Attivita' fl-għeluq il-mitt sena mit-twelid tal-Perit Dom Mintoff.*

Is-Sindku tkellem dwar attivita' li qed titħejja fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twelid tal-Perit Dom Mintoff. Huwa qal li din l-attivita' qed jaħdmu fuqha ulied il-perit Mintoff u qed jiġi propost li ssir fi Ġnien is-Serenita' fix-xahar ta' Awissu 2016.

### *4.5 Talba għal olterazzjoni fil-bankina*

Il-Kunsill iddiskuta żewġ talbiet separati dwar olterazzjoni fuq il-bankina. L-ewwel talba kienet biex titbaxxa ftit il-bankina fi Triq l-Istefanotis minħabba rampa ta' garaxx skond pjanta li ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba. Il-Kunsill laqgħa wkoll it-talba biex titbaxxa l-bankina fi Triq Gardenja biex tiffaċilita' l-entratura għal fuq ir-rampa għat trasport ta' persuna b'disabilita'. Il-Kunsill qabel ukoll li joffri l-għajnuna tiegħu f'dan il-każ partikulari.

### *4.6 Fondi mir-Reġjun Nofsinhar*

Il-Viċi Sindku qal li bħala rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Nofsinhar xtaq jinforma l-Kunsill li l-fondi lir-Reġjun kien alloka għal *green wardens*, issa jistgħu jiġu użati fuq proġetti ambjentali. Huwa qal ukoll li issa hemm fondi ġodda allokati għal Kunsill fuq tabelli u sinjali tat-traffiku.

### *4.7 Servizz temporarju ta' kuratur fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni preżenti fi Ġnien is-Serenita' fejn saret referenza għal fatt li bħalissa tneħħew il-*watchmen* li kienu jagħtu servizz matul il-ġurnata tas-Sibt u l-Ħadd. Il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal servizz temporarju ta' kuratur tal-ġnien li jkun responsabbli biex jiftaħ il-ġnien fil-ġurnata tas-Sibt u l-Ħadd skond il-ħinijiet stabbiliti mill-Kunsill.

### *4.8 Talba għal dawl ġdid*

Il-Kunsill iddiskuta talba għal dawl ġdid fi Triq il-Vjoli kantuniera ma' Trejqet l-Istellamaris. Peress li hemm problema ta' kif ser twassal il-*cable* f'din l-*area* il-Kunsill qabel li jara jekk tistax issir *Solar Lamp* fl-*area* msemmija.

### *4.9 Catch the Drop HSBC Campaign*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-*Catch the Drop Campaign* u fakkar lil-Kunsill jista' jibbenefika minn din l-iskema biex isir ix-xogħol relatat mat-tindif ta' *gutter* li minn Vjal Oleandri jwassal għal ġibjun f'Wied Garnaw. Huwa qal li jekk tinġieb stima ta' *gutter* wieħed, il-Kunsill ikun jista' japplika għal fondi biex isiru il-ħames *gutters* li jidher li hemm bżonn. Huwa fakkar li din l-iskema tagħlaq fl-aħħar ta' Ġunju 2016.

### *4.10 SLLC Q (57-16-01) Kwotazzjoni għall servizz temporarju ta' Knis u u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent*

Il-Kunsill qabel li jerġa jġedded dan is-servizz għal perjodu ta' xahar mill-1 ta' Mejju 2016 sal-31 ta' Mejju 2016.

### *4.11 Euro 2016*

Is-Sinkdu tkellem dwar il-possibilita' li jinkera *big screen* fi Ġnien is-Serenita' għall-kampjonat tal-*Football* - Euro 2016 li ser issir bejn is-6 ta' Ġunju 2016 u s-6 ta' Lulju 2016.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6076 sa numru BOV 6110 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-14 ta' Marzu 2016 u l-11 ta' April 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 13-2016(18-04-2016).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2016 Ammont *Gross* €5250.47

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| Owen Borg | PCA (57-14-02) | Servizz għax-xahar ta' Marzu 2016 | 366.93 |
| ELC Ltd | PKG 57 | Servizz għax-xahar ta' Marzu 2016 | 2061.50 |
| Joseph and Spiridione Zammit | RC (57-14-01) | Servizz għax-xahar ta' Marzu 2016 | 1962.85 |

### 5.4 Approvazzjoni ta' ħlasijiet ta' xogħolijiet relatati mal-*upgrading* tal-Berga skond kwotazzjonijiet miġbura u approvati mill-Kunsill

| **Kuntrattur** | **Ref:** | **Diskrizzjoni** | **Kont** | **Euro** |
|---|---|---|---|---|
| **Raymond Cuschieri** | **SLLC-Q(57-15-10)** | **Upgrading Works** | **16680** | **4655.00** |
| **Closter Aluminum** | **SLLC-Q(57-15-11)** | **Supp.& Inst. Doors & Apretures** | **2050** | **1200.00** |
| **Closter Aluminum** | **SLLC-Q(57-15-11)** | **Supp.& Inst. Doors & Apretures (extra works)** | **2051** | **560.00** |
| **Fino & Sons Ltd.** | **SLLC-Q(57-15-03)** | **Supply of various funiture items** | **102094-5** | **1,399.20** |

### 5.5 Approvazzjoni għall-ħlasijiet

**5.5.1** Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €67.20 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' April 2016, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

### 5.5.2 *Approvazzjoni għall-ħlas*

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €1003.00 għal xogħol ta' Project Development fir-riġward tal-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill relatata ma' Memo 11-2015 – Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storici liema applikazzjoni kienet ġiet aċċettata mis-Segretarjat Parlamentari għal Kunsilli Lokali.

### 5.5.3 *Approvazzjoni għal xiri ta' pompi għall-funtana tal-Ġnien Ċiniż*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' erba' pompi għal funtana tal-Gnien Ċiniz għas-somma totali ta' €905.12 Vat Inkluż. Il-Kunsill qagħd fuq il-parir tal-Inġinier fuq il-kwalita' ta' dawn il-pompi.

### 5.5.4 *Kwotazzjonijiet għal xiri ta' bollards*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjonijiet għal xiri ta' *bollards* għal quddiem l-entratura ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku ppropona li minn flok jinxtraw *bollards* ġodda, għandna nistennew li jinqagħlu dawk li hemm fil-*playing field* meta ssir il-grada u nużaw lilhom.

## 6. FINANCIAL STATEMENTS AS AT DECEMBER 2015 – PROPOSTED AUDIT ADJUSTMENTS

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2015. Hija qalet li l-*audit adjustments* kienu jirrigwardjaw l-*LES debtors* u li ma affetwawx is-*surplus* li kellu l-Kunsill għal din is-sena. Il-Kunsill approva l-*Audited Financial Statements* li jinkludu l-*audit adjustments* kif proposti mill-Awdituri tal-Kunsill.

## 7. BUSINESS PLAN 2016-2018

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-Business Plan 2016-2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din il-Business Plan tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 8. TENDER No. RR/PW(57-16-1) – Road Resurfacing and Major Patching

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill *adjudication report* imħejji mill-perit tal-Kunsill fir-rigward taż-żewġ offerti li ntefgħu għal din is-sejħa hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill innota li bħala rati dawk tad-Dimbros kienu l-orħos. Il-Kunsill innota wkoll li dan il-Kuntrattur kien inħariġlu *default notice* minn Kunsill Lokali minħabba li l-materjal li ntuża f'diversi toroq kien wieħed inferjuri minn dak speċifikat fid-dokument tat-*tender*. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-kuntrattur Dimbros qabel jasal għad-deċiżjoni.

## 9. ĠEMELLAĠĠ MA' GUSU FIĊ-ĊINA

Is-Sindku stieden lil Viċi Sindku s-Sur Cutajar li huwa responsabbli miċ-*Chinese Affairs* biex jinforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ġemellaġġ ma' GuSu fiċ-Ċina. Huwa qal li l-kordinatur, Mr Chen kien infurmaħ li l-istedina ser toħroġ għal erba' minn nies inkluż l-istess Mr Chen li ser ikun il-kordinatur u l-interpretu waqt dan l-avveniment. Huwa qal li ż-żjara uffiċċjali fiċ-Ċina ser tkun bejn it-2 u s-6 ta' Ġunju 2016. Il-Kunsill iddiskuta min ser ikunu l-membri tal-Kunsill li ser jiffurmaw id-delegazzjoni uffiċċjali. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li hu ma setgħax jipparteċipa peress li f'dak il-ġranet ikollu l-eżamijiet. Il-Kunsill wasal għal-konklużjoni lid-delegazzjoni għandha tkun iffurmata mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Caroline Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet iġġib tlett kwotazzjoni għal biljetti tal-ajru.

10. **TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2016 fl-4.00 p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**